MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-5 ta' April, 2006

Numru 459/2005

Il-Pulizija
(Sp Joseph Agius)
vs
Paul Ellul, iben Carmelo,
imwieled Pieta' fis-6 ta'
Lulju, 1967

Il-Qorti,
Rat l-akkuži kontra l-imputat –
1. talli fis-7 ta' mejju, 2005, għal ħabta tat-8.30 a.m. fi Sqaq Xorb l-Għaġin, numru 4, iż-Żejtun, limiti ta' Delimara, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Gordon Borg, miż-Żejtun, fi perikolu ċar, ikkaġuna offiza fuq il-persuna ta' l-istess Gordon Borg, liema offiza iġġib mankament jew sfreġju jew feriti per durata, kif iċċertifika Dr. Susan Mallia taċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid;

2. talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanżi, volontarjament kiser il-bon ordni u il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u ġlied.
Il-Qorti ġiet mitluba li tapplika il-provvedimenti tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat illi Gordon Borg sofra feriti ta' natura ħafifa u l-istess Gordon Borg xehed li ħafer lill-imputat.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' april, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkuża li wettaq feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Gordon Borg u l-akkuża l-oħra.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża limitatament għal fatt li wettaq feriti ta' natura ħafifa u tat-tieni akkuża. Rat l-artikoli 221(1) u 338(bb) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------